FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 8 ta' Lulju, 2002

**Avviz Nru:1151/01 PM**

**Elmo Insurance Agency a nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Spiridione Bugeja u l-istess Spiridione Bugeja**

**Vs**

**Christine Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' mitejn u disghin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu, Lm290.43, rapprezentanti l-ammont dovut wara habta;

Ra r-risposta fejn il-konvenuta ammettiet r-responsabilita’ tal-incident izda kkontestat il-kwantum u l-ispejjes tal-Kawza billi skond il-konvenuta hi ammettiet r-responsabilita’ fill-11 ta’ Gunju, 2001;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Ra l-atti tal-Kawza;

Sema x-xhieda;

Ikkunsidra li l-avviz gie pprezentat fill-5 ta’ Ottubru, 2001. Illi jirrizulta li fis-26 ta’ Lulju, 2001 s-socjeta’ Fogg Insurance kienet talbet lis-socjeta’ attrici tibghat l-kontijiet (Dok a Fol. 11 tal-process);

Francis Paul Ebejer, ghal Fogg Insurance, qal li l-kontijiet qatt ma intbaghtu lill-istess Fogg Insurance. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-maggur Mula, li gie prodott bhala xhud mis-socjeta’ attrici;

Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici kitbet lis-socjeta’ Fogg Insurance u talbet li din taccetta “liability” fl-ittri datati 5 ta’ April, 2001, 20 ta’ April, 2001, 21 ta’ Mejju, 2001, 24 ta’ Mejju, 2001, 19 ta’ Gunju, 2001 u 26 ta’ Lulju, 2001. Fis-16 ta’ Lulju, 2001 intbaghtet ittra ufficjali lil konvenuta u lil Fogg Insurance Agencies Limited;

Illi jirrizulta li l-konvenuta personalment qatt ma amettiet it-tort. Jirrizulta li fl-ittra tas-26 ta' Lulju, 2001 ma hemmx, b' mod car, li s-socjeta' Fogg qeghda tammetti t-tort.

Ikkunsidra li fl-ittra tas-26 ta' Lulju, 2001 Fogg Insurance talbet ghal, "bills u survey report u photos" u dawn qatt ma ntbaghtu lil Fogg Insurance. Illi wiehed kellu jistenna li s-socjeta' attrici tibghat dawn id-dokumenti qabel ma tipprezenta l-Kawza. illi wiehed kellu jistenna li s-socjeta' Fogg ma kelliex tagixxi aktar malajr ghall-ittri msemmija hawn fuq u b' mod inekwivoku taccetta r-responsabilita';

Illi kkunsidra li malli gew ippresentati l-kontijiet seduta stante dawn gew accetati mill-avukat tal-konvenuta;

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' mitejn u disghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, Lm290.43. Bl-ispejjes jitqassmu kif gej: 2/3 ghall-konvenuta u 1/3 ghas-socjeta' attrici, Elmo Insurance Agency Limited, ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurnace plc. Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**